

5. Il-ħamis motiv: nullità tal-kontijiet stabbiliti fuq il-bażi tad-deċiżjoni kkontestata

- L-annullament tad-Deċiżjoni tal-ECHA Nru SME (2016) 2851 għandu jwassal għall-annullament tal-kontijiet li huma bbażati fuq il-fatturi maħruġa mill-ECHA. It-tariffi imposti lanqas ma huma dovuti għaliex, fil-mument tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-ECHA Nru SME (2016) 2851 u tal-ħruġ tal-kontijiet, ir-rikorrenti ma kinitx obbligata tirreġistra fis-sistema REACH.

Rikors ippreżentat fl-1 ta' Settembru 2016 – Shoe Branding Europe vs EUIPO – adidas (Device of two parallel stripes on a shoe)

(Kawża T-629/16)

(2016/C 402/62)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Shoe Branding Europe BVBA (Oudenaarde, il-Belġju) (rappreżentati minn: J. Løje, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: adidas (Herzogenaurach, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: pożizzjoni ta' marka (apparat ta' żewġ strixxi paralleli fuq żarbun) – Trade mark tal-UE Nru 8 398 141

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-08/06/2016 fil-Każ R 597/2016-2

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv(i) invokat(i)

- Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Distorsjoni tal-fatti.

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Settembru 2016 – Dehtochema Bitumat vs L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

(Kawża T-630/16)

(2016/C 402/63)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Partijiet

Rikorrenti: Dehtochema Bitumat, s.r.o. (Bělá pod Bezdězem, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: P. Holý, avukat)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)